MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Numru 747/2004

Il- Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

*Omisis*
Jesmond Gatt
*Omisis*

Illum, 19 ta’ Mejju, 2008,

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Jesmond Gatt ta’ 38 sena, iben Gaetano u Maria nee` Portelli, imwieled Pieta` fis- 6 ta’ Marzu, 1970 u residenti: Blk A, Flat 9, Triq ic- Cikas, Zabbar, detentur tal- karta ta’ l- identita` bin-numru 211370M;

Billi, *omisis*, Jesmond Gatt u *omisis* huma akkuzati talli fl-24 ta’ Mejju, 2003 ghall-habta tas-1:30 a.m. fi triq Hal-Qormi l-Marsa, bil-hsieb li jikkommettu reat, urew dan il-hsieb b’atti esternu u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom, liema delitt ta’ serq li kieku sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur ghad-dannu tas-Sur Paul Caruana;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wara li kienu gew ikkundannati f’dawn il-gzejjer ghall-serq jew recitazzjoni, instabu fil-pussess ta’ nfietah jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta’ serraturi minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandhom f’dak iz-zmien;

*Omisis*

U aktar talli Jesmond Gatt irrenda ruhu recidiv b’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) datata 6 ta’ Settebru, 2001, liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

*Omisis*

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 267, 270, u 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali ta’l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi waqt l-udjenza mizmuma llum 19 ta’ Mejju 2008 il-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat odjern.

Illi dwar l-imputazzjoniijiet l-ohra, mix-xhiedha prodotta jirrizulta ampjament li l-imputat odjern, u cioe Claudio Mallia, ma kellux x’jaqsam mar-reat in kwistjoni.

Illi jirrizulta li t-tenttattiv ta’ serq in kwistjoni sar minn Claudio Mallia wahdu qabel ma ltaqa ma’ l-imputat odjern u Michael Grima u wassalhom bil-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijet l-ohra u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------